MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Numru. 208/1995

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Giovanni Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli qabel l-1 ta’ Lulju 1994:

1. F’isem il-Kontrollur tad-Dwana, kellu fil-pussess u/jew iddispona u/jew biegh vettura tal-marka Leyland mudell ta’ l-1990 bin-numru tax-chassis 92868D mhux originali u in-numru tal-makna L-01807 minghajr l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana. L-imsemmija vettura li nstabet

ghand John Vella kella n-numru tar-registrazzjoni O-2878(m) li ma japparteniex ghal din il-vettura izda ghall-vettura ohra mpurtata f'Mejju ta' l-1992 tal-marka Leyland mudell ta' l-1982. valur Lm 700, dazju Lm1694 kif jidher fin-nota ta' Qbid numru 78/95, hawnhekk mehmuza, liema dazju ma giex mhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur ta' l-Artikoli 60 (a)(c)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kapitlu 37 tal-ligijiet ta' Malta.

2. F'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (art. 334 Kap 9).

3. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, il-marki jew is-sinjali distintivi tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn il-marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin; (art. 298(1)(a) Kap 9).

4. Wahal fuq merkanzija deskrizzjoni kummercjalii falza, jigifieri, wahal ffaffalsifikati jew mbiddla, cifra, kelma jew marka illi skond l-uzu tal-kummerc tiswa biex turi il-lok jew pajjiz li fih il-merkanzija giet mahduma jew prodotta jew il-mod li bih il-merkanzija giet mahduma jew prodotta; (art. 298(1)(e)(ii)(iii) Kap 9).

5. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq; (art. 298(1)(f) Kap 9).

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 145 tal-istess atti u li biha billi dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat u a bazi ta' din l-kumpilazzjoni, taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-Artikoli 60(a)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kap. 37;
(b) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 298(1)(a) tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 298(1)(e)(ii)(iii) tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-Artikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali

baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali u dan fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Rat in-nuqqas ta’ tali oggezzjoni da parti tal-imputat (fol 146 ibid).

Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat
Illi l-Ufficjal Prosekutur spjega (fol 21, fol 36 u fol 44 et seq ibid) illi kien investiga dan il-kaz fuq informazzjoni anonima bil-miktub dwar ‘truck’ tal-marka ‘Leyland’ bin-numru 02878M allegatament misruq fl-Ingilterra.

Mill-‘file’ tal-istess vettura kien jidher li din giet impurtata hawn Malta bhala ‘second hand’ bin-numru VMX 57 Y u bin-numru tax-“chassis” 92868D u tal-magna L01807, din tal-ahhar tal-marka ‘Dough’ skond kif rizultanti mic-certifikat ta’ esportazzjoni rilaxxat mill-awtoritajiet Inglizi. L-istess vettura kienet giet impurtata f’Malta fl-1992 bhala ‘chassis cab’ ossija konsistenti f’kabina u ‘chassis’ minghajr il-kaxxa ta’ wara. Difatti, wara li gie importat hawn Malta, kienu tpoggew fuqha kaxxa u ‘high up crane’. L-istess xhud kompla biex jghid illi n-numri tax-‘chassis’ li hu sitwat fuq quddiem fuq il-lemin vicin ir-rota, kienu numri zghar u meta kien naddaf il-post fejn jinstab l-istess numri, hu deherlu li kien hemm tbaghbis fis-sens li “…fejn kien hemm ippancjat in-numri kien jinhass imhaffer” ossija “aktar mikul”. Inoltre x-xhud kien ghamel ricerka mad-ditta li timmanifattura vetturi bhal dik in ezami u kien gie nfurmat illi b’referenza ghall-vettura bin-numru tal-magna L01807 illi dan in-numru kien jappartjeni lil ‘truck’ tal-marka ‘Leyland’ tat-tip freighter’ u ta’ mudell ‘620 day cab’ bin-numru ta’ registrazzjoni Ingliz H 399 AAE u bid-data ta’ registrazzjoni bhala l-1 ta’ Awwissu 1990. Dwar dan it-‘rtuck’ kien irrizulta illi kien insteraq fl-Ingilterra fit-12 ta’ April 1992 u skond l-Ufficjal Prosekutur kien dan it-‘truck’ misruq li gie impurtat hawn Malta u dan ghar-ragunijiet specifikati fl-istess xhieda (ara fol 27 u fol 28). Ix-xhud ikkjarifika illi, fiz-zmien in kwistjoni “…hawn Malta ma

hemmx il-mezzi sabiex naghmlu testijiet biex nohorgu ix-'chassis number' originali".

Dwar l-importazzjoni f'Malta, mid-dokumenti fil-pussess tad-Dwana maltija, l-istess vettura kienet giet importata minn certu Angelo Bartolo izda dan kien informa lix-xhud illi "…ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz hlief li kien ghamel pjacir lil certu John Grima….minhabba restrizzjonijiet vigenti f'dak il-perjodu cjoe fl-1992…" difatti Angelo Bartolo "…huwa importatur u kien ta n-numru tieghu bhala importatur, liema numru jinhareg mid-Dipartiment tal-Kummerc". Sussegwentement, l-istess "vettura" kienet giet registrata fuq Emanuel Zammit li da parti tieghu l-kaxxa u l-'crane' gja msemmija kienu twahhlu minnu hawn Malta. Sussegwentement, l-istess vettura kienet giet trasferita, permezz ta' tpartit, lil John Vella b'valur ta' Lm10,000. Difatti l-vettura kienet giet elevata minn dan tal-ahhar li ssemma. Dwar l-akkuzat dan kien irrilaxxja l-istqarrija bil-miktub li tinsab a fol 45 ibid. Fil-bidu, l-akkuzat sostna li kien akkwista din il-vettura hawn Malta minghand Angelo Bartolo u dan meta "kien biss kabina u 'chassis'". Meta kien raha ghall-ewwel darba kienet fuq ix-Xatt u kien xtraha hawn Malta u l-'export certificate' kien ottjenieh wara li applika ghalih hawn Malta. Hu kompla biex jghid illi kien impurtatur ta' vetturi lejn Malta u kien hu ukoll li hareg il-vettura in ezami mid-Dwana Lokali u qaleb il-pjanci tieghu ghal dawk lokali. Wara ftit gimghat kien biegh l-istess 'truck' lil Emanuel Zammit waqt li, aktarx, kien ghadu bi pjanci barranin. Fl-ahharnett, wara li gie mistoqsi dwar l-allegat serq tal-istess 'truck', hu testwalment wiegeb "ma nahsibx, kellu l-'engine number' u 'chassis number' kollox sew". L-istess Ufficjal Prosekutur ezebixxa, ukoll, erba' ritratti bil-kulur in konnessjoni mal-istess vettura (fol 38 ibid) u il-'log book' tal-istess vettura (fol 39 ibid).

Ikkunsidrat

Illi in sostenn tal-akkuzi in ezami gew prodotti s-segwenti xhieda u dokumenti:-

a) Martin Debattista (fol 31 et seq ibid) li ikkonferma in-'notice to prosecute' kif ukoll in-nota ta' qbid a fol 9 tal-atti bl-istima tal-vettura in ezami u d-dazju dovut.

b) Joseph Spiteri (fol 32 et seq ibid) ezebixxa diversi veri foto kopji ta' dokumenti maghmulin mill-'file' relattiv fl-ufficjlu tal-licenzji in rigward vetturi. L-istess xhud spjega li meta jimtela 'log book', l-informazzjoni fl-istess 'log book' tittiehed minn dokumenti prezentati meta l-vettura relattiva tigi registrata. Dwar dan il-kaz, il-vettura involuta kienet giet importata minn "individwu" certu "A. Bartolo" minn Haz Zebbug. Inoltre hemm ukoll il-licenzja ta' importazzjoni mahrug mid-Dipartiment tal-Kummerc bin-numru 701566 u fuq isem l-istess Angelo Bartolo. In rigward l-istess dokumenti jigi notat li fuq wiehed iffirmat mill-Ispettur Mario Spiteri, il-Pulizija lokali giet infurmata minn 'Interpol London' illi 'none of the vehicles mentioned have been reported stolen in the U.K.", li Angelo Bartolo kien informa lill-istess Pulizija illi l-vettura numru O 2878 kienet ser tigi trasferita lil Emanuel Zammit wara li, mid-dokument sussegwenti jirrizulta li John Grima kien ittrasferiha fuq isem Angelo Bartolo, li pero, dan l-ahhar 'transfer' ma kienx finalizzat, li l-istess vettura giet ezaminata mill-Pulizija u 'has passed test', li skond is-'certificate of permanent transfer' mahrug mill-Awtorita Ingliza kompetenti, li din il-vettura kienet giet akkwistata minn John Grima fis-7 ta' April 1993, liema vettura kellha bhala numru ta' 'chassis' 92868D u li Angelo Bartolo kien informa, permezz tal-formula relattiva izda mhux iffirmata, illi hu kien importa din il-vettura mir-Renju Unit u li l-istess vettura kienet giet rilaxxata lil Angelo Bartolo mid-Dwana lokali fit-13 ta' Mejju 1992.

c) Emanuel Zammit (fol 39A) ikkonferma li akkwista l-istess vettura minghand l-akkuzat waqt li x-xhud kien ittrasferiha, bi tpartit, lil certu John Vella mill-Imgarr. Meta kienet ghadha tieghu, x-xhud spjega kif kien immodifikha u ghamel tibdiliet fiha kif spjegat, liema modifiki u tibdiliet ma kienux jinvolvu l-magna jew in-numri tal-magna u tax-'chassis'.

d) John Borg in rapprezentanza tad-Dwana Lokali ukoll ezebixxa erba' dokumenti minn fejn jidher illi Angelo Bartolo kien hallas id-depositu sabiex jigi kopert id-dazju waqt li hemm imnizzel l-isem ta' certu Paul Muscat, li l-ufficju tal-Licenja tal-Pulizja ma sab ebda oggezzjoni li l-istess vettura tigi rilaxxata favur Angelo Bartolo (ara ukoll ix-xhieda ta' John Ebejer a fol 70 kif ukoll ta' Anthony Saliba a fol 78 u fol 119 et seq ibid).

e) John Vella (fol 51 et seq ibid) spjega li l-istess vettura kienet giet elevata mill-Pulizija meta hu u Emanuel Zammit kienu f'konvenju (ara fol 54 u fol 55) kif spjegat fl-istess xhieda.

f) Angelo Bartolo (fol 56 u fol 125 et seq ibid) irrefera ghall-akkuzat bhala habib tieghu u f'okkasjoni, l-akkuzat kien urieh 'truck' gewwa id-Dwana u kien staqsieh jekk kienx "tajjeb ghalija". Inoltre meta gie muri d-dokument intestat "Dipartiment tal-Kummerc" u bl-isem "Angelo Bartolo" liema dokument digja ssemma aktar il-fuq, ix-xhud imwissi skond il-ligi, ghazel li ma jixhedx in rigward l-istess dokument. Dwar importazzjoni ta' ingenji da parti tieghu, x-xhud semma' li kien importa wiehed biss mill-Ingilterra, liema ingenji certament ma kienx dak in ezami (ara pero' il-verbal tax-xhieda moghtija minnu u annessa mar-relazzjoni teknika).

g) Patrick Pullicino (fol 60 et seq ibid) spjega kif kien ghamel stima tal-istess 'truck', meta dan gie elevat mill-Pulizija, liema stima kienet tammonta ghal Lm7,700.

h) A fol 66 tal-atti jinsabu dawk tal-"process verbal" redatt mill-Magistrat Inkwirenti. Kif jidher mill-istess atti kien gie nominat u konfermat f'dawn il-proceduri u dan bhala espert "in materia" Philip Zammit (ara fol 67 ibid). Dan ukoll spjega li ma kienx possibli ghalih li johroh ix-'chassis' number' originali. Inoltre hu specifika illi rrizultalu illi n-numru tax-'chassis' tal-vettura ezaminata minnu kien jikkorrispondi ma dak imnizzel u dikjarat fuq is-'certificate of permanent export' mahrug, kif gja inghad, mill-awtorita Ingliza kompetenti. Ghalhekk hu esprima l-opinjoni li c-'chassis' number' allegatament falz kien sar fl-Ingilterra u

mhux f'Malta. Hu zied jghid illi "…in rigward dettalji ohra, li hafna minn dawk imnizzlin fis-'certificate of permanent export' ma jaqblux ma affarijiet li rajt meta ezaminajt l-istess 'truck' u hawnhekk irrefera, b'mod specifiku ghad-"date of first registration" stante li skond hu, it-'truck' kien gie fabrikat wara l-1986. B'referenza ghar-relazzjoni fl-atti tal-istess "process verbal" jigi notat li dan l-espert issottometta illi n-numru tal-magna ossija L01807 kien jidher dak originali. Pero in-numru tax-'chassis' kien gie "imulat u mhassar" u "ma genbu gie ipprintjat 'chassis number' iehor li jaqra 92868D". Dwar in-numru tal-magna pero, jidher li dak gja msemmi cjoe L01807 ma jikkorrispondiex ma dak deskritt fuq il-'log book'. Difatti l-istess magna bl-ewwel numru tikkorrispndi ma 'truck' iehor tal-istess marka izda ta' tip differenti registrat fl-Ingilterra fl-1 ta' Awwissu 1990.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-provi, fil-konfront tal-akkuzat qed jinghad li:-

a) Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqin jew akkwistati b'reat u li ndahal biex jbieghhom jew imexxihom. Din l-akkuza hi bazata fuq l-artiklu 334 tal-Kodici Kriminali ossija d-delitt ta' ricettazzjoni. Mill-provi kif esposti irrizulta illi ma ngiebet ebda prova li a basi taghha jista' jigi konkluz illi l-vettura in kwistjoni kienet giet misruqa fl-Ingilterra. Dwar dan il-punt hekk krucjali jidher li l-provi huma manifestament insufficjenti sabiex jista' jigi konkluz illi l-istess vettura kient giet misruqa barra minn Malta. Inoltre, anke jekk ghal grazzja tal-argument dan il-punt seta' jirrizulta mill-provi, minn dawn ma rrizultax illi l-akkuzat kien jaf jew seta' kien jaf a basi tac-cirkostanzi tal-kaz illi l-istess vettura originat minn xi reat. Hawnhekk qed issir referenza specifika ghall-element tax-"scienter" mehtieg bhala wiehed mill-elementi tar-reat in ezami. Ta' min jinnota illi mill-istess provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Pulizija lokali kienet giet infurmata illi l-ebda wahda mill-vetturi specifikati fid-dokument relattiv hawn fuq citat kienet giet, rapportata bhala misruqa fir-Renju Unit.

b) Dwar l-akkuzi konnessi ma falsifikazzjoni, jigi sottolineat, ukoll, illi l-espert tekniku issottometta illi ix-‘chassis’ number, allegatament falz, kien sar mhux f’Malta izda fl-Ingilterra u ghalhekk il-Qorti ma tistax tara kif l-akkuzat jista’ jinstab hati tat-tielet (3), r-raba’ (4) u l-hames (5) akkuzi kif dedotti mill-imputazzjonijiet originali u a bazi tal-“artikoli” relattivi citati mill-Avukat Generali.

c) In rigward l-akkuzi skond il-Kapitolu 37, jidher li gie pruvat mill-provi prodotti illi l-akkuzat kien ottempra ruhu ma dak kollu rikjest minn din il-ligi. Pero’ l-Qorti ma tistax ma taccennax ghall-figura ta’ Angelo Bartolo li fil-fehma ta’ din il-Qorti ma gietx sufficjentement investigata dwar l-involviment taghha f’dan il-kaz.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kollha u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------